12 ta' Mejju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ivo Vassallo Cesareo

**Dazju — Kollettur tad-Dwana — Art. 61 (1) u 63 (1) tal-Kap. 60, u art. 12 (1) tal-Kap. 122.**

***Min ażjentement ikollu x'jaqsam b'xi mod biex b'qerq jinħarab xi dazju tad-Dwana, jew xi liġi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni ta' oġġetti bi ksur għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tad-Dwana, huwa ħati ta' reat kontra dik il-liġi.***

*Il-Kollettur tad-Dwana għandu l-fakoltà li jakkwista l-merkanzija bil-prezz dikjarat mill-importatur u biż-żieda tal-5%; iżda dik il-fakoltà hija mħollija fid-diskrezzjoni tiegħu, u ma tħassarx id-delitt u r-responsabilità ta' min ikun ittanta jevadi d-dazju. B'mod li l-offerta li jagħmel lill-Kollettur il-ħati ta' dan it-tentativ, li jagħtih il-merkanzija b'dak il-prezz u b'dik iż-żieda, ma tiswielux biex jiġi liberat.*

Fuq l-akkuża kontra l-imputat talli, fl-aħħar sitt xhur ta' qabel it-taħrika, f'dawn il-Gżejjer, fi żmenijiet differenti, b'atti eżekutivi ta' l-istess riżoluzzjoni, xjentement kellu x'jaqsam b'xi mod biex b'qerq jinħarab xi dazju tad-Dwana, jew xi liġi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni ta' oġġetti, bi ksur għad-dispożizzjoni ta' l-art. 61 (1) tal-Kap. 60 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan f'isem il-Kollettur tad-Dwana li talab li jittieħdu l-passi meħtieġa kontra l-imputat mill-Pulizija, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-28 ta' Novembru 1950, wara li rat l-art. 61 (1) u 63 (1) tal-Kap. 60 tal-Liġijiet ta' Malta u l-art. 24 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat ħati talli xjentement kellu x'jaqsam b'xi mod fil-i bil-qerq jinħarab xi dazju tad-Dwana, ċjoè dazju ta' £138. 2. 1, dovut fuq valur ta' £563. 6. 5, u kkundannatu għall-multa ta' £1402. 17. 0, u ordnat il-konfiska ta' l-oġġetti eżibiti;

L-imputat appella quddiem dina l-Qorti minn dik is-sentenza;

***Omissis:***

Irriżulta mill-provi li l-imputat kien qiegħed jagħmilha ta' aġent tad-ditta "Rubino & Grimaldi" ta' Catania, għan negozju ta' importazzjoni f'Malta ta' żebgħa, għodda, u oġġetti tal-ħadid li kienet qiegħda tibgħatlu dik id-ditta........... Fl-okkażjoni li kienet qiegħda tiġi ritirata l-merkanzija, ġie osservat li l-prezz ta' ċerti tornaviti kien baxx ferm, u dana daħħal lill-impjegat tad-Dwana fis-suspett; u allura l-Kollettur tad-Dwana beda jfittex u ħa l-passi biex jaċċerta l-pożizzjoni, u spiċċa biex talab li l-Pulizija tipproċedi kontra l-imputat, billi ppretenda li l-prezzijiet tal-merkanzija mibgħuta lill-imputat mid-ditta "Rubino & Grimaldi" kienu fittizjament indikati baxxi, biex b'hekk jinħarab biċċa mid-dazju li għalih dik il-merkanzija kienet soġġetta. Fil-fatt irriżulta li

dawk il-prezzijiet, kif indikati fil-fatturi, kienu bil-bosta aktar baxxi mill-prezzijiet ta' l-istess ġeneru ta' merkanzija li dik il-ħabta ħadd ieħor kien jimporta minn għand l-istess ditta "Rubino & Grimaldi"............... Ċertament rigward kontrabandu mhux preżumibili jingħad diskors aktar ċar minn daqshekk. Dana juri li l-imputat kien jaf x'qed isir, u ma kienetx biss taħwida ta' Grimaldi; u kien wisq naturali li l-imputat ikun jaf b'kollox, għax anki meta n-negozju mal-klijenti kien jagħmlu Grimaldi stess, dana ħafna drabi kien jagħmlu fl-uffiċċju ta' l-imputat, jew fil-preżenza ta' l-imputat stess; u allura l-imputat kien intiż bil-vera pożizzjoni rigward il-prezzijiet effettivi;

*Omissis:*

L-imputat qal ukoll li huwa offra l-merkanzija lill-Kollettur tad-Dwana għall-finijiet ta' l-art. 12 (1) tal-Kap. 122 tal-Liġijiet ta' Malta. L-offerta saret wara li l-Kollettur kien ġà beda l-investigazzjonijiet per mezz tal-Pulizija, u ma ġietx aċċettata. L-art. 12 (1) fuq imsemmi jagħti lill-Kollettur il-fakoltà li jixtri l-merkanzija bil-prezz dikjarat mill-importatur u biż-żieda ta' 5%; iżda dik il-fakoltà hija mħollija fid-diskrezzjoni tiegħu, u ma tħassarx id-delitt u r-responsabilità ta' min ikun inqabad jittanta jevadi d-dazju. Evidentement, dik id-dispożizzjoni tal-liġi hija intiża prinċipalment sabiex tħares l-interessi tad-Dwana meta ma jkunx possibili tistabbilixxi bi provi ċerti l-aċċertament tad-delitt, fil-waqt li b'dan kollu l-Kollettur ikollu raġun jaħseb li fil-fatti d-dikjarazzjoni tal-valur mhijiex suffiċjenti. Għaldaqstant dik l-offerta ma tiswiex biex tillibera lill-imputat;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-imputat u tikkonferma s-sentenza appellata; iżda tagħti lill-imputat il-fakoltà li jħallas il-multa fi tnax-il rata mensili ndaqs, u jibda mit-12 ta' Gunju li ġej.